# VIZJONI GHALL-PORT IL-KBIR TA' MALTA

## Il-Fehmit tal-*General Workers' Union*

***Ottubru 2007***

## Werrej


I. Indroduzzjoni ……………………………………………………..……......….p.3

II. Ma' xhiex taqbel il-GWU ........................................................................p.4

II.1 *Cruise Liners* ...............…………......………………...……….....p.4

II.2 Lukandi .......................................................................................p.4

II.3 Restawr.........................................................................................p.4

II.4 Tisbieh ta' l-Ambjent ....................................................................p.5

II.5 Toroq, Transport u Infrastruttura .......................................p.5

III. Ma' xhiex ma taqbilx il-GWU ................................................................p.7

III.1 Tfixkil ta' l-Impjiegi ...................................................................p.7

III.1.1 *Bezzina Ship Repair Yard Ltd.*………………………..p.7

III.1.2 *Malta Shipyards Ltd.* …………………………………p.7

III.2 Konvenjenza ghar-Residenti …………………………………p.9

III.3 Spekulazzjoni …………………………………………………p.9

IV. Konkluzjoni ………………………………………………….………p.11

# I. INTRODUZZJONI

Certament li l-*General Workers' Union* (GWU) mhix kontra l-progetti ta' rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir. Dan ghaliex dawn l-inizjattivi ser jghinu sabiex tissebbah parti hekk importanti ghall-pajjizna. Barra minn hekk, dan ghandu jassigura holqien ta' aktar impjiegi f'pajjizna.

Il-priorita` tal-GWU bhala organizazzjoni tredjunjonistika huwa l-impjigi u l-kundizzjonijiet tax-xoghol. Izda ghaliex il-GWU hija ukoll organizazzjoni nazzjonali, jinteressha ukoll li fit-twettieq tal-pjan ta' dan il-progett ikunu qed jittiehdu inkonsiderazzjoni ukoll, barra l-impjiegi, ir-residenti tal-madwar, l-ambjent, il-wirt kulturali u d-dritt t'accessibilita` tal-poplu fost l-ohrajn. Ma nistghux ma naghmlux referenza ukoll ghall-fatt reali li l-art tal-Port il-Kbir hija wahda limitata izda li ma dan kollu trid isservi sabiex issir l-attivita` kollha kummercjali marbuta mal-Port, bhall-hatt tal-merkanzija, it-tiswijja tal-vapuri, lok ghall-vapuri tat-turisti, tkun post ta' residenza u rikreazzjoni ghall-Maltin u attrazzjoni ghat-turisti fost affarijiet ohra.

Il-GWU tishaqq li kull investiment li ghandu jsir ghandu jkollu l-ghan principali li b'mod holistiku ihalli effett pozittiv u li jinhass fuq l-ekonomija ta' pajjizna. Minhabba li l-flus li hemm bzonn biex isiru progetti bhal dawn huma hafna u fl-istess waqt minhabba li qed nitkellmu fuq il-patrimonju Malti, il-GWU tissugerixxi li fejn hu possibli x-xoghol ghandu jsir f'*partnership* bejn il-Gvern u s-Settur Privat.

Il-GWU tinnota b'sodisfazzjon ukoll il-mekkanizmu ta' konsultazzjoni li qed jigi addottat miz-zewg partiti politici ewlenin f'Malta ma' dawk kollha nvoluti jew li jistghu jaghtu sehemhom u l-GWU tispera li dan ma jkunx biss konsultazzjoni ta' fuq il-karta u daqshekk. Il-kelma konsultazzjoni f'dan il-progett hekk ambizzjuz ghandha tigi ezawrita` fis-sens wiesa' taghha cioe` li tfisser skambju ta' idejat u ftehim reciproku bejn il-partijiet nvoluti.

## II. MA' XHIEX TAQBEL IL-GWU

Il-GWU hi favur li madwar il-Port il-Kbir jigu varati numru ta' progetti sabiex hekk id-dehra ta' din in-naha ta' Malta tkun attrajjenti aktar ghat-turisti, settur li hawn Malta rridu jew ma rridux niddependu ferm fuqu. Barra minn hekk, certament li t-tisbieh f'din iz-zona ta' Malta tfisser post ta' rikreazzjoni ghar-residenti tal-madwar u ghall-poplu ingenerali. Izda fuq kollox, il-GWU tghid li aktar minn hekk dan il-progett ghandu jizgura li ser ikun ifisser tkattir ta' aktar impjiegi sostennibli ghall-haddiema.

### II.1 *CRUISE LINERS*

Il-GWU fost l-ohra tghid li meta huwa fatt maghruf li t-turisti li jigu permezz tal-*cruise-liners* zdiedu f'pajjizna matul dawn l-ahhar snin u hemm potenzjal ta' aktar zieda fil-futur, allura l-GWU taqbel li jsir aktar zvilupp biex din l-industrija tkompli tikber. Ghal daqs tant li jsir uzu ahjar mill-ispazju li hemm illum jew li ssir modifikazzjonijiet kontrollata fuq il-*Cruise Liner Terminal* tal-Belt Valletta minn dak li hemm illum biex is-servizz jinghata ahjar u jekk inhu possibli jizdied, zgur li jkun pass ta' zvilupp fid-direzzjoni t-tajba.

### II.2 LUKANDI

Huwa fatt maghruf li l-gzejjer Maltin iridu jkunu dejjem aktar attrezzati sabiex jilqghu turisti b'gosti u bi bzonnijiet varji. Ghalhekk, li ssir analizi sabiex jigi ddeterminat post fejn jista' jsir investiment li jkun ifisser il-ftuh ta' lukanda gdida matul il-Port il-Kbir fl-inhawi tal-Kottonera hija ideja tajba. Izda dan sakemm l-art li tinghata ghall-izvilupp ta' din il-lukanda ma tkunx ifisser li ser teqred parti ambjentali valida jew tinghata bl-iskop li ftit snin wara tispicca ghall-ispekulazzjoni.

### II.3 RESTAWR

Il-GWU taqbel li l-wirt storiku li ghandu pajjizna jigu protett. Ghal daqs tant, ma jaghmilx sens li min hu responsabbli jhalli jitmermru u ma jinvestix sabiex siti storici ma jigux restawrati u rrangati b'mod professjonali skond il-htiega. Barra minn hekk, li jkollok siti storici u ma taghtix kazhom hija forma ta' traskuragni rreparabbli u mhux diskutibi. Ghall-GWU huwa iktar minn mehtieg il-bzonn li

ssir restawrazzjoni ta' bini storiku madwar il-Port il-Kbir fosthom ta' Villa Bighi. Barra minn hekk, il-GWU tghid li dan il-bini ghandu jintuza b'mod aktar intelligenti bhala ma' sar fil-kaz ta' *St James Cavailier,* li gie mibdul f'post ta' kreattivita` li jilqa' fih wirjiet, esebizzjonijiet u attivitajiet kulturali ohra matul is-sena kollha.

Il-fatt li l-Forti Rikazoli tigi restawrata hija pass f'waqtu u l-GWU tghid li diga` qeghdin tard f'dan il-progett. Din il-forti ghandha l-partikolaritajiet u l-potenzjal li zgur li jistghu jigu sfruttati b'mod hafna ahjar mil-lum. Il-GWU tfakkar li hemm postijiet ohra li jehtiegu li jigu indirizzati u restawrati bhal partijiet mis-swar innifishom u l-Forti Sant' Anglu fost l-ohrajn.

## II.4 TISBIEH TA' L-AMBEJNT

Li l-mollijiet li jdawru l-Menqa (tal-Pont, tal-Braken, tal-Hatab, tac-Cangatura) jigu irrangati b'mod reali sabiex isiru attrazzjoni turistika hija xi haga f'waqtha ghaliex illum dawn huma miltuqa u huma aktar lok ta' abbuz milli post ta' attrazzjoni ghall-Maltin u ghat-turisti li jzuru pajjizna.

Li jsir forma ta' *promenade* wiehed huwa idejali ghaliex hekk id-dawra kollha ta' madwar il-Port tkun tista' titgawda bl-ahjar mod possibli. Aktar minn hekk il-GWU tghid li dan ghandu jsir b'mod li l-karatteristici li jezistu llum, kemm f'dak li hu wirt storiku u dak li hu passegg ghandhom jigu kkonservatti u mizjuda. Idejali ukoll li perjodikament jitellghu attivitajiet u esebizzjonijiet f'centri li jinfethu matul din id-dawra tal-Port. Hekk dan il-*promenade* jinzamm haj.

Importanti li fit-twetieq ta' dan il-progett ikun involut b'mod evidenti l-Gvern ghaliex inkella hemm il-periklu li l-privat ma jhallix access u uzu shih lill-poplu.

## II.5 TOROQ, TRASPORT U INFRASTRUTTURA

Huwa mehtieg li t-toroq, it-trasport u l-infrastruttura fl-ibliet u fil-postijiet tal-madwar jigu indirizzati bhala parti minn dan il-progett. Ma jistax isir progett bhal dan u dawn l-affarijiet ma jigux ippjanti minn qabel. Nafu li Malta diga` ghandha numru ta' nuqqasijiet minhabba c-cokon u l-limitazzjonijet taghha, ghalhekk dawn l-oqsma imsemmija f'dan il-paragrafu jehtieg li jigu indirizzati fit-totalita` taghhom bhala parti minn dan il-progett.

Problema reali hawn Malta huwa l-parkegg. Huwa inutli li l-Gvern u dawk kollha nvoluti jimbarkaw fuq progetti validi li minnhom il-poplu jkun jista' jgawdi u jaghmel uzu minnhom, jekk ma jsirx pjan fuq parkegg jew inkella sistema tajba u efficjenti ta' trasport.

Bosta huma dawk l-istabelimenti li jghidu pubblikament li l-parkegg huwa fattur li fil-maggoranza tal-kazi jaffetwhom negattivament. Ghal daqs tant konxji minn din id-diffikulta`, dan il-pjan ghar-rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir ghandhu jiehu t-trasport, it-toroq, l-infrasfruttura u l-parkegg bhala htigijiet li jridu jigu ndirizzati b'mod holistiku pari-passu mat-twettiq ta' dan il-pjan ta' ri-generazzjoni.

## III. MA' XHIEX MA TAQBILX IL-GWU

Meta jsir progett, specjalment wiehed kbir u kif inhu f'dan il-kaz, allura bil-fors li ser ikun hemm elementi tajbin u pozittivi filwaqt li jkun hemm ohrajn mhux daqshekk tajbin u aktarx negattivi. Barra minn hekk, huwa fatt maghruf u accettat li kull istituzzjoni, grupp jew ghaqda ser issemma lehinha fuq dawk l-affarijiet l-iktar li jikkoncernaw lilha jew lill-membri taghha. Infatti, bir-rizultat ta' dan kollu ghall-GWU hemm numru ta' progetti, idejat jew azzjonijiet li ma taqbilx ghal kollox maghhom kemm mill-att socjali kif ukoll mill-att ekonomiku fost l-ohrajn.

### III.1 TFIXKIL TA' L-IMPJIEGI

Il-GWU ma taqbilx li rizultat ta' dan il-progett jistghu jintilfu l-impjiegi prezenti tal-haddiema, anki jekk dan isir bi skuza temporanja ghaliex ser jitkattru ohrajn godda fi zmien qasir. Lanqas ma taqbel li l-haddiema ibaghtu finanzjarjament mit-*take home pay* minhabba xi decizjoni li titiehed marbuta mar-rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Il-GWU qed tghid dan kollu *in-vista* li uhud mill-inizjattivi pprezentati mill-Gvern mhux car bizzejjed l-impatt taghhom fuq l-impjiegi prezenti u ghalhekk l-GWU thoss li uhud minn dawn il-proposti jistghu jolqtu postijiet tax-xoghol bhala *Malta Shipyhards Ltd* u *Bezzina Ship Repair Yard Ltd*.

#### ➤ 111.1.1 *BEZZINA SHIP REPAIR YARD LTD*

Il-GWU immedjatament kif gew pprezentati l-ghoxrin (20) inizjattiva min-naha tal-Gvern prezenti kellha kommunikat mill-*Management* ta' din il-Kumpanija privata. Fejn il-*Management* informa lill-GWU li jekk il-Gvern jimplimenta l-vizjoni tieghu skond kif prospettat fil-pubblikazzjoni li giet imneddija, f'dan il-kaz il-facilitajiet ta' *Bezzina Ship Repair Yard Ltd.* f'Xatt il-Faham, li tikkonsisti f'bini u manutenzjoni tal-jottijiet ser jisparixxu ghaliex minflok dan l-ispazju ser jigi ikkonvertit f'Istitut Marattimu li l-Gvern qieghed jiprogetta li jibni bhala wahda mill-inzjattivi. Il-*Management* diga` iddikjara mal-GWU li din is-sitwazzjoni hija ferm inkwetanti ghaliex din id-decizjoni tal-Gvern tfisser futur incert ghad-Diretturi bhala investituri f'din il-Kumpanija, kif ukoll futur incert ghall-haddiema impjegati ma' din il-Kumpanija u l-familji taghhom.

Il-Gvern jista' ghandu f'mohhu r-rilokazzjoni ta' din il-Kumpanija izda dawn l-affarijiet ghandhom mhumiex ghal kollox cari. Barra minn hekk, il-GWU tghid li qabel titiehed xi decizjoni ghandha ssir analizi ta' l-

impatt, anki jekk il-hsieb huwa li din il-Kumpanija ticcaqlaq minn fejn qeghda fil-prezent. Kull decizjoni ghadha titiehed b'kunsess ma' dawk kollha nvoluti.

### ➤ 111.1.2 *MALTA SHIPYARDS LTD.*

Erbgha (4) mill-ghoxrin (20) inizjattivi imressqa mill-Gvern prezenti jolqtu lill-*Malta Shipyards Ltd*. Dawn huma:-

- *Cruise Liner Terminal* gdid fl-Isla
- *Super-yachts* max-Xatt ta' l-Isla
- Jieqaf is-servizz tat-tindif tat-tankijiet
- Park Maritimu Kummercjali

L-ewwel zewg inizjattivi jfissru l-konverzjoni tal-*Boiler Wharf* , it-tielet inizjattiva tfisser li tieqaf operazzjoni vitali u importanti ghat-tarznari, fil-waqt li l-ahhar inizjattiva imressqa min-naha tal-Gvern tfisser li titnaqqas parti mill-Marsa *Site* tal-*Malta Shipyards Ltd.*

- ***Cruise Liner Terminal* gdid fl-Isla u *Super-Yachts* max-Xatt ta' l-Isla**

Il-proposti tal-Gvern, kieku jigu attwati, joholqu distabilizazzjoni fil-*Malta Shipyards Ltd*. Il-Gvern fil-proposti tieghu qed jindika li x-xoghol tal-vapuri ghandu jsir fil-baciri erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6). Kieku dan kellu jsir allura l-operat fit-tarznari jigi ristrett drastikament u dan ghaliex ix-xoghol tal-vapuri ma jistax isir b'mod efficjenti jekk ghal kull bacir ma jkunx hemm facilitajiet ta' mollijiet li jikkorrispondu fil-pixka u fl-uzu tal-*crane,* u li allura jikkumplimentaw ix-xoghol meta l-vapur ilesti ix-xoghol gol-bacir.

Il-*Boiler Wharf* jaqdi precizament din il-funzjoni u jikkumplimenta il-baciri numru erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6). Dan ghaliex dan ghandu pixka adekwata li hija necessarja ghall-vapuri li juzaw il-bacir numru sitta (6). Minghajr dan il-moll allura t-tlett baciri se jigu affettwati hazin ghax ma jkunx possibli li jigu utilizzati b'mod massimizzat. Illum meta vapur jitlesta mix-xoghol li bil-fors irid isir fil-bacir, jinhareg 'il barra u x-xoghol fuqu jitkompla mall-moll sabiex minfloku fil-bacir jidahhal vapur iehor.

Barra minn hekk, jekk il-*Boiler Wharf* jintuza ghal-vapuri tal-passigieri ser jaffettwa ukoll ix-xoghol ta' *blasting* u zebgha li jkun qieghed isir f'partijiet ohra tat-tarznari.

It-tarznari diga` cedew il-bacir numru wiehed (1) bl-ispazju u l-imhazen li jaghmlu parti minnu anki jekk sal-lum, snin wara, ghadu mitluq u mhux uzat taht skuza jew ohra. Anzi qed issir hsara kbira lil dan il-bini storiku u l-makkinarju li fadal hemmhekk mhux qed jigi uzat.

- **<u>Jieqaf is-servizz tat-tindif tat-tankijiet</u>**

Lokalment, it-*tankers* jiffurmaw proporzjon sostanzjali mis-suq tal-vapuri. Barra minn hekk, Malta hija fuq ir-rotta principali tat-tqassim tal-prodotti taz-zejt, mill-Lvant Nofsani ghall-Ewropa u ghall-Amerika. Il-prezz taz-zejt ghola u se jibqa' joghla u allura dan il-fatt ifisser li t-tarznari taghna jitolbu aktar flus ghal xoghol li jaghmlu fuq vapur li jgorr iz-zejt. Ma dan kollu, huwa car li ghal xi ragunijiet il-*Malta Shipyards Ltd* mhix tikkultiva s-suq tat-tiswija tat-*tankers* anzi jidher li dan ix-xoghol gie imwarrab fuq decizjoni tad-dirigenti ta' din il-Kumpanija b'mod totali u intenzjonalment. Dan hu ta` detriment finanzjarju ghat-tarznari li facilment jigi rifless fuq it-tnaqqis tal-kundizzjonijiet tal-haddiema sahansittra t-tnaqqis ta' l-impjegati nfushom.

- **<u>Park Maritimu Kummercjali</u>**

Dwar il-*Marsa Dock* jidher li diga` hemm qbil li t-tarznari jkomplu bix-xoghol ta` progetti magguri, principarjament ta` *conversions*. Il-facilitajiet tal-Marsa huma iddisinjati specifikament ghal dan it-tip ta` xoghol. It-tnehhija tal-mollijiet ukoll ikun ta` detriment kbir ghat-twettiq ta' dawn il-progetti specjalment meta l-vapur ikunu fi stadju ta` *outfitting* barra mill-bacir.

Jekk dawn l-erbgha (4) inizjattivi jigu mwettqa kif ipprezentati mill-Gvern fil-gimghat li ghaddew allura b'mod generali dan ikun ifisser:-

- Tnaqqis konsiderevoli fit-*turnover* tal-*Malta Shipyards Ltd*.
- Tnaqqis fl-utilita` tal-kapital u tad-*direct labour*.
- Ikompli jikber id-distakk bejn l-ispiza tad-*direct labour* u dik ta' *indirect labour* u *l-overheads*.
- Titnaqqas il-mobilita` ta' l-ippustjar tal-bastimenti.

Bla dubju li dan kollu jikkaguna tnaqqis drastiku fl-efficjenza tax-xoghol u allura r-rizultati finanzjarji ser ikunu negattivi. Finalment dawn id-decizjonijiet iwasslu biex il-*Malta Shipyards Ltd* jkunu aktar difficli ghaliha biex tilhaqq il-miri rikjesti mill-Unjoni Ewropeja u li setghu ikunu possibli minghajr dawn l-intoppi.

## III.2 KONVENJENZA GHAR-RESIDENTI

Ir-residenti li llum joqghodu madwar il-Port il-Kbir ma ghandhomx jigu sfurzati jitilqu minn din iz-zona bla soluzzjoni xierqa. Il-GWU tghid li dawn il-familji ghandhom jinghataw alternattiva reali fil-madwar fejn ghandhom imorru joqghodu minghajr ma jidhlu fi spejjez zejda.

## III.3 SPEKULAZZJONI

Il-GWU tghid li kull art li l-Gvern jaghti lill-privat bhala parti minn dawn il-progetti ma ghandiex tispicca immedjatament jew wara perjodu taz-zmien ghall-ispekulazzjoni. Din hija art tal-poplu li qed tinghata biex isir investiment fiha ghall-abitanti tal-pajjiz u sabiex principarjament jissahhah is-settur turistiku u ghal daqs tant dan l-ghan ma ghandux jisfuma ghand l-ispekulaturi.

## IV. KONKLUZJONI

Finalment ghalkemm din il-vizjoni ghadha fuq il-karti u jistghu jghaddu s-snin sakemm jigu attwati l-progetti, ma dan kollu l-GWU tishaqq li ghandu jsir studju intensiv ta' l-impatt li dan il-progett jista' jhalli fit-totalita` tieghu. Hemm diversi fatturi, nies u siti li qed jissemmew f'dan il-progett u ghal daqs tant l-ebda tibdil ma ghandu jsir ghal skapitu ta' xi haga ohra.

Il-GWU, ghaliex l-interess principali taghha huma l-impjiegi, ssostni li x-xoghol ghandu taht kull forma jizdied u mhux jigi imxekkel ghad-detriment tal-haddiema u l-familji taghhom. Barra minn hekk, il-GWU tghid li l-impjiegi ezistenti u li ghandhom jizdiedu ghandhom ikunu impjiegi sostenibbli li jfissru serhan tal-mohh ghall-haddiema, u mhux jinbidlu f'impjiegi atipici.

Idejalment ghandu jinsab bilanc bejn it-titjib fl-ekonomija li progett bhal dan ghandu jiggarantixxi l-wirt storiku, is-siti ambjentali u r-residenti tal-madwar.